

Brussell, 2 ta' Frar 2023
(OR. en)

5911/23

FIN 116
INST 8
PE-L 3

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	5777/23
Suġġett:	Trasferiment ta' approprijazzjonijiet Nru DEC 01/2023 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2023 – <i>Approvazzjoni</i> – <i>Approvazzjoni ta' ittra</i>

1. Fis-26 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprijazzjonijiet Nru DEC 01/2023, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju¹.

L-għan ta' din il-proposta huwa li timmobilizza r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR) għal ammont ta' EUR 1.3 biljun f'approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament sabiex tkopri l-pagament tal-prefinanzjament lill-Istati Membri fl-2023, skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament BAR², kif indikat fid-dokument 5777/23.

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

² Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1).

2. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Frar 2023.
 3. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - il-proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 5777/23; u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS għal din in-nota.
-

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: Il-President tal-Kunsill

lil: Il-President tal-Parlament Ewropew

kopja: Il-President tal-Kummissjoni

Għażiż/a President,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018³, ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprijazzjonijiet Nru DEC 01/2023 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2023.

(Formola ta' għeluq).

³ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).